**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' April, 2017**

**Talba numru 122/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 36**

**J. Zammit Limited (C37945)**
**Aries House**
**Imdina Road**
**Zebbug (Malta)**

**Vs**

**John Roger Crow (K.I.56885A) u Beryl Anette Louisa Crow (K.I.56884A)**
**159, St Luke,**
**Triq Burmarrad,**
**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-30 ta' Marzu, 2016 illi permezz tiegħu s-Socjeta attrici talbet minghand il-konvenuti l-hlas tas-somma ta' tlett elef,

hames mija u sebgha u tletin ewro (€3,537) rapprezentanti bilanc ta' somma aktar ta' bejgh tal-vettura bin-numru ta' Registrazzjoni FCA 932 tal-ghamla Kia Piccanto li sar mis-Socjeta attrici lil konvenuti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta ,huma ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrsponduh u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta attrici tirrizulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuti jhallsu lil-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, hames mija u sebgha u tletin ewro (€3,537) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-21 ta' Ottubru, 2015, id-data tal-ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali, huma a kariku tal-konvenuti .

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**